MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 379/2009

**Panta Contracting Overseas Limited**

**Vs**

**Miles Express Cargo Systems Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, erba' mija u disgha punt hamsa tnejn Ewro (€7409.52), li minnhom is-somma ta' erbat elef seba' mija disgha u tmenin punt hamsa zero Ewro (€4789.50) jirrapprezentaw ammont eccessiv ta' mizati ta' "inland haulage" inkorsi in konnessjoni ma transport ta' "containers" u mhallsa mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata, liema hlas sar

"under protest" stante li r-rati li gew applikati mis-socjeta' intimata ma kienux skont ir-rati pattwiti meta sar il-ftehim u gew ingaggjati s-servizzi tal-istess socjeta', u dan skond kif spjegat aktar fid-dettal fl-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A" u l-bilanc ta' elfejn sitt mija u ghoxrin punt zero tnejn Ewro (€2620.20) jirraprezentaw spejjez ta' magazinagg u "demurrage" inkorsi mis-socjeta' rikorrenti fil-Libja bhala konsegwenza tan-nuqqas da parti tas-socjeta' intimata li tikkonsenja l-"invoices" mahruga minnha fir-rigward ta' mizati ta' "inland haulage" inkorsi in konnessjoni ma transport ta' containers, u dan kif spjegat aktar fid-dettal fl-istatement hawn anness u mmarkat Dok "B". Stanti l-fatt li ghalkemm is-socjeta' intimata giet interpellata sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficjalment, hi baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghha.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittri ufficjali li ggibu d-dati tas-6 ta' Novembru 2008, u 20 ta' Frar, 2009, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifiki ta' l-istess ittri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata, li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta ta' Miles Express Cargo Systems Limited fejn eccepiet:

Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza skond il-ligi sabiex tisma' u tiddeciedi din il-vertenza stante li l-istess tispetta lic-Centru Malti ta' l-Arbitragg skond kif jirrizulta minn klawzola numru 20 tal-kundizzjonijiet ordinarji ta' negozju tas-socjeta' konvenuta (kopja dok. "A hawn annessa), u ripetutament qabel ma sar in-negozju kollu li dwaru hemm l-ilmenti u l-pretensjonijiet attrici s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet referenza espliciti ghal dawn il-kundizzjonijiet fil-korrispondenza taghha mal-istess socjeta' attrici;

Illi fl-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija legalment u fattwalment infondata stante li, dwar l-ewwel parti mitluba u cioe' EUR4789.50 assolutament ma huwiex minnu li s-socjeta' konvenuta thallset ammont eccessiv ta' mizati u, dwar it-tieni parti mitluba u cioe' EUR2620.02, assolutament ma huwiex minnu li s-socjeta' konvenuta ghandha responsabbilita' li thallas dan l-ammont minnha pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' konvenuta pprovdiet servizzi ta' *freight forwarding* lis-socjeta' attrici.[1]
2. Is-socjeta' konvenuta hija membru tal-*Malta International Forwarders Association* (MIFA).[2]
3. Il-MIFA ghandha kundizzjonijiet ordinarji ta' negozju fejn klawzola 20 tghid is-segwenti: *"These Conditions and any claim or dispute arising out of or in connection with the services of the Company shall be governed by and in accordance with Maltese Law and any dispute in relation with such services shall be subject to arbitration in Malta in terms of the Arbitration Act 1996. The award of the arbitrators shall be final and binding on both parties."*[3]

[1] Ara l-affidavit ta' Martin Ferry mmarkat bhala Dok MF a fol. 47 tal-process.

[2] Ara l-affidavit ta' Martin Ferry mmarkat bhala Dok MF a fol. 47 tal-process.

[3] Ara s-Standard Terms and Conditions of Trading tal-MIFA mmarkat bhala Dok A a fol. 40 tal-process.

4. Is-socjeta' attrici qatt ma giet murija l-kundizzjonijiet ordinarji tan-negozju tal-MIFA.[4]

5. Fil-korrespondenza elettronika mibghuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici minn Awwissu 2007 il-quddiem, fil-qiegh nett, wara isem minn baghat l-email, kien hemm miktub is-segwenti: *"All business is transacted in accordance with The MIFA standard trading terms and conditions which can be viewed on our website and available on request."*[5]

6. Fil-korrisprondenza elettronika mibghuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici fis-sena 2007, pero qabel Awwissu 2007, ma kienx fiha din il-klawsola.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza skont il-ligi sabiex tisma' u tiddeciedi din il-vertenza stante li l-istess tispetta lic-Centru Malti ta' l-Arbitragg.

Is-socjeta' konvenuta ipprestat servizzi ta' *freight forwarding* lis-socjeta' attrici. In-negozjati bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta saru permezz ta' emails u dan kif xehed John Bugeja, manager tas-socjeta attrici.[7] Fil-fatt qatt ma sar kuntratt bil-miktub rigward in-negozjati ta' bejniethom.[8] In-negozjati permezz ta' skambji ta' email bdew minn Frar 2007.[9] Minn Awwissu 2007 il'quddiem, is-socjeta' konvenuta bdiet tibghat lis-socjeta' attrici diversi emails, fejn kwazi fl-ahhar taghhom, u cioe' wara l-isem u l-indirizz tal-persuna li qed tibghat l-email kien hemm miktub is-segwenti: *"All*

[4] Ara x-xhieda ta' John Bugeja a fol. 74 tal-process.

[5] Ara diversi emails mibghuta minn mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici u vici-versa u mmarkati bhala Dok MF 1 a fol. 48-56 tal-process.

[6] Ara Dok RB3 a fol 77 tal-process u d-dokumenti ezebiti minn fol.78 sa 86 li jikkontjeni diversi emails mibghuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici.

[7] Ara x-xhieda ta' John Bugeja a fol. 74 tal-process.

[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Martin Ferry a fol. 58 tal-process.

[9] Ara email mibughta fid-9 ta' Lulju 2007 mmarkata bhala Dok RB 3 a fol. 77 tal-process kif ukoll email mibghuta fl-1 ta' Marzu 2007 a fol. 79-80 tal-process; email ddatata 22 ta' Frar 2007 a fol. 81-82 tal-process; email ddatata 22 ta' Mejju 2007 a fol. 83-84 tal-process u email ddatata 22 ta' Mejju 2007 a fol. 85-86 tal-process.

*business is transacted in accordance with The MIFA standard trading terms and conditions which can be viewed on our website and available on request.''*[10]

Is-socjeta' konvenuta qieghda tissottometti li n-negozji gew konkluzi taht it-termini u l-kondizzjonijiet tal-MIFA. Klawzola numru 20 tas-iStandard Terms and Conditions tal-MIFA tippreskrivi hekk:

"*''These Conditions and any claim or dispute arising out of or in connection with the services of the Company shall be governed by and in accordance with Maltese Law and any dispute in relation with such services shall be subject to arbitration in Malta in terms of the Arbitration Act 1996. The award of the arbitrators shall be final and binding on both parties.''*[11]

Is-socjeta' konvenuta qieghda sserrah l-eccezzjoni preliminari taghha fuq il-klawsola fuq citata, li hija kienet bdiet tinserixxi fl-ahhar tal-emails li kienet tibghat lis-socjeta' attrici minn Awwissu 2007 il'quddiem. Mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta' attrici xi darba espressament accettat li n-negozju bejn il-partijiet isir abbazi tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-MIFA. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tifhem – ghalkemm dan ma giex formalment sottomess mis-socjeta' konvenuta – li s-socjeta' konvenuta qieghda tissottometti li s-socjeta' attrici accettat tacitament dawn it-termini u kundizzjonijiet, meta hija ma oggezzjonatx ghal klawsola fl-ahhar tal-emails mibghuta lilha mis-socjeta' konvenuta minn Awwissu 2007 il'quddiem, li negozju kien qed isir abbazi tat-termini u kundizzjonijiet tal-MIFA. Fil-fatt fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta jghid hekk: *''Meta* (is-socjeta' konvenuta) *bdiet tittrejdja bhalma kellha kull dritt at some point tibda tittrejdja b'kundizzjonijiet li jirreferu ghal klawsola ta' arbitragg, fl-email correspondence taghha bdiet tinkludi frazi f'dan is-sens. Issa jekk is-socjeta' attrici li rceviethom dawn l-emails ghogobha ma tharisx lejn il-MIFA terms and conditions li kienu jinkludu ... ... bic-car ftehim tal-arbitragg, is-socjeta' attrici has only got itself to blame fuqha din il-bicca.''*[12]

Il-kontenut tal-emails li ntbaghtu mis-socjeta' konvenuta minn Awwissu 2007 il'quddiem lis-socjeta' attrici jindika bic-car li qeghdin jitkellmu fuq negozjati li diga' gew huma mibdija. Hekk per ezempju:

---

[10] Ara diversi emails mibghuta minn mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici u vici-versa u mmarkati bhala Dok MF 1 a fol. 48-56 tal-process.
[11] Ara s-Standard Terms and Conditions of Trading tal-MIFA mmarkat bhala Dok A a fol. 40 tal-process.
[12] Ara trattazzjoni ta' Dottor Luigi Sansone a fol. 113 tal-process.

*"Here are the details:- PCR 1091…"*[13]

*"I've just rcvd a call phone from Shppr/Deiplast (ref PCR 1091) Cnee/Panta, goods (3x40 Box) is ready…"*[14]

*"To this effect we suggest that the L/C is amended accordingly to conform to such dates."*[15]

L-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Ligi li jinsab fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta) jippreskrivi hekk:

*"(1) "Ftehim ta' arbitragg" huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu ghal arbitragg kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistghu jitnisslu bejniethom ghar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitragg jista' jkun fl-ghamla ta' klawsola ta' arbitragg jew fl-ghamla ta' ftehim separat.*

*(2) Il-ftehim ta' arbitragg ghandu jsir bil-miktub. Ftehim ikun bil-miktub jekk dan ikun jinsab f'dokument iffirmat mill-partijiet jew fi skambju ta' ittri, telex, telegrammi jew mezzi ohra ta' telekomunikazzjoni li jipprovdu prova tal-ftehim, jew fi skambju ta' dikjarazzjonijiet ta' talba u ta' eccezzjonijiet li fihom jigi allegat minn xi parti li jkun hemm xi ftehim u dan ma jigix michud mill-parti l-ohra. Ir-riferenza f'kuntratt ghal dokument li jkun fih klawsola ta' arbitragg jikkostitwixxi ftehim ta' arbitragg kemm-il darba l-kuntratt ikun bil-miktub u r-riferenza tkun tali li taghmel lil dik il-klawsola parti mill-kuntratt."*

Dan l-Artikolu tal-Mudell ta' Ligi huwa kumplementat minn Artikolu 2(a) tal-Att dwar l-Artbitragg li jghid hekk:

*"ftehim ta' arbitragg" tfisser ftehim kif imfisser fl-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Ligi:*

*Izda:*

---

[13] Ara l-email mibghuta minn John Frendo lis-socjeta' konvenuta ddatata 2 ta' Jannar 2008 a fol. 50 tal-process.

[14] Ara l-email mibghuta minn Alessandro Romano lil Martin Ferry ddatata 25 ta' Marzu 2008 a fol. 49 tal-process.

[15] Ara l-email mibghuta minn Martin Ferry lil John Bugeja u John Frendo ddatata 27 ta' Marzu 2008 a fol. 48 tal-process.

*(a) id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Ligi ghandu jitqies li jkun gie mhares jekk il-ftehim ta' arbitragg ikun jinsab f'dokument li jinghadda minn parti wahda lill-parti l-ohra jew minn terza parti liz-zewg partijiet u, jekk ma tkunx saret xi oggezzjoni dwar dan fi zmien tletin gurnata mill-wasla tad-dokument;*

*(b) ir-referenza f'kuntratt bil-miktub ghal dokument li jkun fih klawzola ta' arbitragg jikkostitwixxi ftehim ta' arbitragg sakemm ir-referenza tkun tali li taghmel lil dik il-klawzola parti mill-kuntratt;*

*(c) ftehim ta' arbitragg jigi wkoll konkluz bil-hrug ta' polza ta' kargu, jekk din ikun fiha referenza espressa ghal klawzola ta' arbitragg f'charter party;"*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta issottometta li l-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Arbitragg fuq citat mhux applikabbli ghal kaz. Din il-Qorti ma taqbilx. Ladarba s-socjeta' konvenuta qed isserrah l-eccezzjoni taghha fuq l-accettazzjoni tacita tas-socjeta' attrici ghall-pattijiet u kundizzjonijiet tal-MIFA, inkluz il-klawzola 20 li tittratta l-arbitragg, allura huwa bil-fors applikabbli l-proviso (a) ghad-definizzjoni ta' "ftehim ta' arbitragg" li tistipula *inter alia* li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Mudell ligi ghandu jitqies li gie mhares jekk il-ftehim ta' arbiragg ikun jinsab f'dokument li jinghadda minn parti wahda lill-ohra u jekk ma tkunx saret oggezzjoni dwar dan fi zmien tletin gurnata. Issa fil-kaz odjern, is-socjeta' konvenuta qed tissottometti li fil-ftehim li gie konkluz permezz ta' emails, kien hemm imnizzel fl-emails tas-socjeta' konvenuta il-frazi, *"All business is transacted in accordance with The MIFA standard trading terms and conditions which can be viewed on our website and available on request"*[16] Skont it-tezi tas-socjeta' konvenuta, ladarba is-socjeta' attrici ma oggezzjonatx li n-negozju jigu konkluz abbazi tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-MIFA, li jinkludu klawzola tal-arbitragg, - kif kellha dritt taghmel fi zmien tletin (30) gurnata, allura s-socjeta' attrici accettat dawn il-kondizzjonijiet.

Pero, it-tieni proviso tad-definizzjoni ta' *"ftehim ta' arbitragg"* fl-Artikolu 2 tghid hekk *"ir-riferenza f'kuntratt bil-miktub ghal dokument li jkun fih klawzola ta' arbitragg jikkostitwixxi ftehim ta' arbitragg, <u>sakemm ir-riferenza tkun tali li taghmel lil dik il-klawzola parti mill-kuntratt."</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-klawsola tinsab ripetuta fl-Artikolu 7(2) tal-Mudell ta' Ligi.

[16] Ara diversi emails mibghuta minn mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici u vici-versa u mmarkati bhala Dok MF 1 a fol. 48-56 tal-process.

Issa fil-kaz odjern, huwa vera li minn Awwissu 2007 il'quddiem fl-emails tas-socjeta' konvenuta kien hemm riferenza ghal dokument (il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-MIFA) li fih klawsola ta' arbitragg. Pero' din il-Qorti hija tal-opinjoni li r-riferenza ghal pattijiet u kundizzjonijiet tal-MIFA ma kienitx tali li jista' jinghad li ghamlet il-klawsola 20 (il-klawsola dwar l-arbitragg) parti mill-kuntratt konkluz bejn il-kontendenti. Sabiex ikun jista' jinghad li din il-klawsola dwar l-arbitragg kienet parti mill-kuntratt konkluz bejn il-kontendenti, is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li taghmel specifikatament riferenza ghaliha fil-frazi li kienet tinserixxi fl-ahhar tal-emails taghha. Fl-opinjoni tal-Qorti, ir-riferenza generika fl-emails tas-socjeta' konvenuta ghall-pattijiet u kondizzjonijiet tal-MIFA, ma tissodisfax il-vot tal-ligi, imma s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li tispecifika, li fost dawn il-kondizzjonijiet, hemm klawsola ta' arbitragg.

Wiehed ma jridx jinsa li klawsola ta' arbitragg hija rinunzja ghad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja quddiem il-Qrati Ordinarji, u hija eccezzjoni ghar-regola, u ghalhekk ghandha tigi interpretata restrettivament. Kien ghalhekk li l-legislatur esiga li ssir riferenza esplicita ghal klawsola ta' arbitragg, sabiex ikun jista' jinghad li din tifforma parti mill-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, haga li fil-kaz odjern ma saritx.

Din il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni li mhux biss is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li taghmel riferenza specifika ghal din il-klawsola ta' arbitragg fir-riferenza li ghamlet ghall-pattijiet u kundizzjonijiet tal-MIFA, izda li l-mod ta' kif s-socjeta' konvenuta rriferiet ghal dawn il-kondizzjonijiet fl-ahharnett tal-emails mibghuta lis-socjeta' konvenuta, taht l-isem ta' min ikun baghat l-email, mhux sufficjenti sabiex jaghmel dawk il-kundizzjonijiet tal-MIFA parti mill-kuntratt konkluz bejn il-partijiet. Ir-riferenza ghal kundizzjonijiet tal-MIFA, inkluz ir-riferenza specifika ghal klawsola tal-arbitragg, kellha tkun inserita fil-korp tal-email, qabel l-isem ta' min baghat l-email, ghax il-kontenut tal-email u l-ftehim konsegwenzjali huwa fuq dak li jinghad qabel l-isem ta' min jibghat l-email.

Dan kien mehtieg li jsir specjalment fil-kaz odjern, meta s-socjeta' konvenuta, wara li hi bdiet tinnegozja mas-socjeta' attrici, biddlet il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li tahthom kienet se taghmel in-negozju. Is-socjeta' konvenuta kellha kull dritt tbiddel it-termini u l-kundizzjonijiet taghha u taddotta dawk tal-MIFA pendenti it-trattativi mas-socjeta' attrici, pero l-buona fede kienet titlob li s-socjeta' konvenuta tinforma lis-socjeta' attrici b'dan it-tibdil b'mod dirett u esplicitu, u mhux b'semplici footnote f'tarf ta' email.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------